MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2006

Numru. 60/2000
Kawza Numru. 21

**Il-Pulizija**

**(Spt. Paul Vassallo)**

**vs**

**Benny Saliba**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Benigno sive Benny Salliba, iben Anthony u Pawla nee' Tabone, karta tal-identita' numru 33141(G) :

Talli fis-26 ta' Mejju, 1999, jew fil-granet ta' qabel, waqt li kont qieghed f'Ninu Cremona Lyceum Comples, Rabat, Ghawdex, ikkagunajt offizi hfief fuq il-persuna t' Alex Curmi kif iccertifika Dr. Peter Muscat M.D., liema reat bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku kellek tissorvelja li

ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghek kellek id-dmir li timpedixxi.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

F'dan il-kaz, il-Qorti ghandha quddiemha imputat, ghalliem fi skola f'Ghawdex, li kontra tieghu hemm allegazzjoni li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq wiehed mill-istudenti meta tefghalu "duster" u rassu mal-hajt bil-mejda. Min naha 'l ohra ix-xhieda tal-prosekuzzjoni jikkonsistu fi klassi ta' studenti li uhud minnhom irtiraw dak li kienu qalu lill-pulizija, ohrajn ma riedux jghidu l-verita' u kienu ammoniti minn din il-Qorti – studenti li meta ddeponew kellhom medja ta' 13-il sena u irrizulta li kienu tfal li ma riedu jafu b'xejn fi zmien skolastiku taghhom.

Dan il-kaz jirrisali ghas-Sajf tal-1999. Wara li kienu saru investigazzjonijiet mill-Pulizija, il-genituri tat-tfal tal-klassi IIG irtiraw ix-xewqa taghhom li jittiehdu proceduri kontra l-imputat hlief ghall-genituri ta' wiehed mill-istudenti. Din il-klassi jidher li kienet komposta minn tfal pjuttost imqarbin u irrizulta waqt il-process illi ma kienux facilment kontrollabbli tant li kien hemm mumenti fejn deher illi din l-affari setghet kienet montatura bi tfal li ma jaghmlux ix-xoghol taghhom u min lanqas biss jaf jaqra jew jikteb dan meta kienu fit-tieni sena ta' skola sekondarja. Fil-proceduri dawn it-tfal kienu deskritta bhala "low achievers" kwazi illiterati.

Xi studenti qalu illi l-imputat kellu idejh hafifa. Hemm min xehed illi l-imputat gieli habbatlu rasu mal-iskrivanija u kien jerfa idejh anke biex jiccajta. Studenti ohra qalu li ma jiftakrux x'qalu lis-Supretendent tal-Pulizija. Ohrajn qalu illi dak li qalu studenti ohrajn mhux minnu ghaliex l-imputat qatt ma refa idejh fuqhom izda gieli offenda lill-wiehed minnhom ghax hu ismar. Minkejja dan, l-istess xhud qal li kien minnu li mar ghand l-assistant head biex jirraporta lill-imputat.

Ikkunsidrat illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi dawn it-tfal ma kellhom xejn xi jtillifhom milli jghidu l-verita'. Jghaddu jew ma jghaddux mill-ezami ma kienitx taghmel differenza ghaliex xorta kienu ser ikunu promossi skond kif kien spjegat lill-Qorti. Minkejja dan, l-istudenti tal-Klassi IIG kienu iffirmaw dikjarazzjoni miktuba mill-imputat illi huma qatt ma rawh jerfa idejh jew iwaddab “duster” lill-minuri li ghamel l-ilment. Verament huwa qatt ma ghamel ilment izda kienu l-genituri tieghu u ohtu, ghalliema ohra fl-istess skola li marru jghamlu rapport lill-pulizija. Dan l-istudent kien wiehed li ma ried jaf b’xejn. Ma kienx jissaporti bil-qieghda u kien ikun aktar fil-kuridur milli fil-klassi. Huwa b’din il-vizwali illi l-Qorti thares lejn id-dikjarazzjoni esebita ghaliex ftit mill-istudenti qallu li huma iffirmaw bil-wiegha li kien ser jghaddihom mill-ezami u frankament wara dak kollu li semghet il-Qorti, din ma kienitx ser taghmel differenza. Wiehed mix-xhieda, ufficcjal tad-dipartiment tal-edukazzjoni, xehed illi f’dik l-iskola kien hemm nuqqas ta’ management – elf student u mitt ghalliem u nuqqas ta’ dixxiplina. Kienu isiru spezzjonijiet ghallarieda u kien ikun hemm dizastru bi tfal ihebbu ghat-teachers u jkellmuhom hazin.

Illi dan mhux qed jinghad biex jiskolpa lill-imputat minn dak li seta ghamel fil-konfront tal-minuri, izda meta l-Qorti hija konfrontata b’dan kollu, b’dikjarazzjonijiet ta’ tfal li jichdu kategorikament li l-imputat qatt refa idejh fuqhom u ohra jikkonfermaw, iwassalha biex tiddeciedi illi hemm konflitt serju fil-provi.

Ghal dawn il-mottivi ma ssib lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------